MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1167/1995/1

**Leslie Causon ghan-nom u in rapprezentanza ta' Gasan Insurance Agency Limited u din bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation PLC ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Emmanuel Agius skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim 949837)**

**Vs**

**Joseph Sant u martu Mary**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fis-27 ta' Awissu 1994 Stephen Agius kien rmiggjat fil-Blue Lagoon, Kemmuna bl-i*speedboat* numru S-8078 ta' missieru Emanuel Agius. L-i*speedboat* kienet marbuta kemm mill-pruwa kif ukoll mil-poppa;

Premess illi l-konvenut Sant kien qed isuq il-luzzu li jismu "St. Joseph" bin-numru tar-registrazzjoni S-145 likien mghobbi bit-turisti;

Premess illi Sant tefa l-ankra biex jorbot l-pruwwa u qabez il-bahar biex jiehu habel ghal ma l-art biex jorbot il-poppa;

Premess illi qabel ma rabat, il-kurrent u r-rih hakmu l-luzzu u kien ser jahbat ma' l-i*speedboat* ta' Agius. Il-konvenut ghajjat lil Stephen Agius biex izomm l-luzzu milli jahbat ma' l-i*speedboat*. Agius ipprova jaghmel hekk pero` tant gie bil-qawwa l-luzzu li dan waqqghu ghal fuq l-i*speedboat* u inkiser il-*windscreen* tieghu;

Premess illi dan l-incident gara unikament htija tal-konvenuti liema konvenuti interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghall-imsemmija hsarat baqghu inadempjenti;

Premess illi Emanuel Agius kien assigurat ma' l-attur *nomine* that polza marittima u a bazi ta' l-istess l-attur *nomine* kkompensa lill-assigurat tieghu bis-somma ta' Lm433.80 u b'hekk gie debitament surrogat skond il-ligi u skond il-polza;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuti kienu unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' Lm433.80 in linea tad-danni;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-imghax fuq l-istess somma mit-23 ta' Mejju 1995 (data ta' l-interpellazzjoni) kif

ukoll l-ispejjez ta' l-istess u tal-prezenti kif ukoll l-VAT relattiv;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha huma eccipew:-

1. Illi t-talbiet ta' l-attur *nomine* kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien il-moviment maldestru ta' l-istess Stephen Agius li wassal biex isiru l-hsarat;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Dicembru 1995 li permezz tieghu gie nominat Dr. Giovanni Grixti bhala perit legali biex jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Frar 1996 li permezz tieghu l-imsemmi perit legali gie sostitwit bl-avukat Dr. David Harding bl-istess inkarigu;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali li tinsab a fol. 42 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-azzjoni promossa mis-socjeta` assikuratrici, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Emanuel Agius skond dokument esebit a fol. 5 tal-process, hi wahda intiza ghar-rizarciment ta' danni minnha mhallsa lill-assigurat taghha ghal hsarat li dan sofra fl-i*speed boat* tieghu fl-incident li sehh fis-27 ta' Awissu 1994 fil-Blue Lagoon, Kemmuna;

Is-socjeta` attrici tattribwixxi l-htija ghas-sinistru u ghall-event dannuz fuq il-konvenuti. Minn naha taghhom ghall-ewwel il-konvenuti jsostnu li l-incident kien ir-rizultat ta' muviment maldestru ta' Stephen Agius li f'dak il-mument kellu taht idejn l-i*speedboat* (Ara Nota ta' l-Eccezzjonijiet a fol. 13). Aktar tard fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom (fol. 36) l-istess konvenuti jibbazaw l-konsiderazzjoni tad-dritt ghal fatti akkwiziti billi jsostnu li dak li gara kien ir-rizultat ta' "*accident*". Huma ghalhekk jinvokaw favur taghhom l-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili;

Din il-Qorti thoss li huwa opportun li f'dan l-istadju tinvesti din is-sottomissjoni, jigifieri l-pretiza tal-konvenuti illi huma ma setghux jigu ritenuti responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur *nomine* ghax l-assigurat taghhom kien sofrihom b'konsegwenza tal-"*casus*";

L-Artikolu 1029 citat mill-konvenuti hekk jiddisponi:-

"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.";

Issa *in subjecta materia* l-Imhallef Giovanni Pullicino fis-sentenza "**PL Costantino Fenech -vs- Camillo Gatt noe et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 17 ta' Mejju 1902 (Vol. XVIII P II p 164) qal wisq sewwa illi "*il concetto del caso fortuito, in quanto almeno alla irresponsabilita` che ne deriva, viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell' uomo.*";

Issokta jigi ritenut illi l-effikacja tal-kaz fortuwitu, tal-forza magguri u ta' l-istat ta' necessita`, "*quali mezzi liberatorii della responsabilita`, cessa quando questi avvenimenti*

*siano preceduti da dolo o colpa dell' agente"* ("**Vittorio Ciantar -vs- Saverio Gatt**", Appell, Sede Inferjuri, 15 ta' Mejju 1926; "**Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju 1938);

B'aktar precizazzjoni inghad dan fis-sentenza fl-ismijiet "**Publio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich et**", Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919:-

"*Il caso fortuito o la forza maggiore e` l'evento non dipendente da azione od ommissione volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile. Quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto.*";

Meta dawn il-principji jigu applikati ghal fatti kif provati ghandu jkun ovvju illi d-difiza tal-konvenuti ma tregix. Fatti li bl-ghajnuna tal-perit legali fir-relazzjoni incensurabbli tieghu (fol. 42) ikkonducew ghal konkluzjoni illi l-konvenuti effettivament ipprevedew x'kienu jew setghu ikunu l-konsegwenzi negattivi meta ma hadux hsieb jormeggjaw sew il-luzzu taghhom. Tali prevedibilita` kienet ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux semplicement ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili (**Vol. XLVIII P I p 258**);

Tajjeb irraguna l-perit relatur fejn telaq mill-presuppost illi fil-kaz taht konsiderazzjoni "l-indagini li ghandha ssir mhux jekk il-luzzu laqatx il-*windscreen* imma jekk il-konvenut kellux il-htija meta l-luzzu baqa' sejjer bil-kurrent fuq l-i*speedboat* u mbotta lil Stephen Agius (meta dan, kif gie mitlub mar biex jilqa' l-luzzu) fuq il-*windscreen* b'mod li kissru.";

Kemm din il-kostatazzjoni u l-konkluzjoni hekk impernjata fuqha huwa fil-fehma ta' din il-Qorti ben impostati;

Jirrizulta in effetti s-segwenti punti ta' riljev:-

I. L-i*speedboat* ta' l-assigurat tas-socjeta` attrici kien gja ilu ankrat ghal xi hin qabel il-wasla tal-luzzu tal-konvenuti;

II. Mal-wasla tal-luzzu dan ankra fuq quddiem. Il-konvenuti jghidu li fuq wara tieghu l-luzzu kellu ankra zghira li nqalghet minn postha u l-kurrent mexxa l-luzzu ghal fuq l-i*speedboat*;

III. Kif rilevat mill-perit legali, din il-verzjoni ma tikkombacjax f'dettal essenzjali relattiv ghall-ankra fuq wara mal-verzjoni ta' Stephen Agius (seduta tas-27 ta' Marzu 1996) u ma' dik tal-konvenut Joseph Sant innifsu minn dak redatt fl-okkorrenza (Dok. DH1);

IV. Il-konvenut Joseph Sant kien familjari mal-fatt illi fejn ried jormeggja jaghmel il-kurrent;

Dawn il-fatti u r-rilevanzi tal-perit legali dwarhom iwasslu ghal konkluzjoni wahda u univoka. Dak li gara kien prevedibbli u ghalhekk ma setax jikkostitwixxi *casus*. Ir-rimedju adoperat mill-konvenuti biex jormeggjaw il-luzzu ma kienx la effettiv u lanqas effikaci;

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenuti difficilment jistghu jevitaw konkluzjoni xort' ohra minn dik raggunta mill-perit relatur. Konkluzjoni immirata biex turi li l-konvenuti kienu in kolpa meta ma uzawx id-diligenza rikjesta mil-ligi. Dan kemm minhabba negligenza jew nuqqas ta' professjonalita` fil-mod kif kellha ssir l-operazzjoni ta' l-ormegg. Dan aktar u aktar imbaghad meta kienu konxji tas-sitwazzjoni tal-kurrent f'dawk l-inhawi. L-azzjoni attrici ghalhekk hi gustifikata u timmerita akkoljiment anke ghal dak li hu l-ammont tad-danni li baqghu inkontestati.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Domanda attrici u tiddikjara lill-konvenuti unikament responsabbli

ghall-incident li sehh fis-27 ta' Awissu 1994 fil-Blue Lagoon, Kummuna;

Tilqa' wkoll it-Tieni u t-Tielet Domandi u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' erba' mija u tieta u tletin Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm433.80) in linea ta' danni. Dan oltre l-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (10 ta' Ottubru 1995).

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------